MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 9/2015

**Go plc**

**Vs**

**Sylvia Pace**

**ID 267765M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-6 ta' Jannar, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi 'l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici 's-somma ta' elf mija u disghin ewro u tlieta u sittin centezmu (€1,190.63) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C 40137027 u A/C 40157407 moghtija mis-Socjeta' attrici skont l-annesis dokumenti immarkati:

- Dok IZY1 u Dok IZY2 - prospett u ftehim ghall-akkont bin-numru A/C 40137027 u

- Dok IZY3 u Dok IZY4 - prospett u ftehim ghall-akkont bin-numru A/C 40157407 u
- Dok IZY5 - estratt mir-Registru Elettorali, u
- Dok IZY6 - kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konevnuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta Bl-ingunzjoni in subizzjoni tal-konvenuta.

Il-konvenuta debitament notifikata dehret ghas-seduta tas-27 ta' Jannar, 2015 fejn ammettiet it-talba mressqa kontriha pero talbet illi l-ammontdovut minnha jithallas b'rati mensili ta' tletin ewro (€30).

Illi t-Tribunal wara li ra d-dokumenti mressqa quddiemu wara li semgha lill-konvenuta u l-ammissjoni taghha jiddecidi l-kaz billi jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lil konvenuta thallas l-ammont ta' elf mija u disghin ewro u tlieta u sittin centezmu (€1,190.63) maqsuma f'rati mensili ta' tletin ewro (€30). B'dan pero kemm il-darba l-konvenuta tonqos milli thallas zewg pagamenti konsekuttivi allura l-ammont li jkun fadal ikun dovut fl-intier tieghu.

Il-kawza tibqa bla spejjex bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------